# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 926

KAZ NRU. 1109

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Spagnol

u

Delta Malta Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Frar, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

1. **Introduzzjoni**

Il-Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 5 ta' Frar, 1997 riferenza MHS/TI/7/97 li talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni tax-xoghol skond l-Art. 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Rapprezentanza**

L-appellant kien irrapprezentat mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

Ghall-kumpanija deher is-sur Joseph Attard assistit mis-sur Alfred J. Bellizzi.

3. **Xhieda**

Ghall-appellant :

Is-sur Edwin Mallia
Is-sinjorina Shirley Abela
Is-sur Mario Spagnol

Ghall-kumpanija :

Is-Sur Simon Grech
Is-Sur Anthony Galea

Is-sur Joseph Attard kien xhud komuni.

4. **Prezentazzjoni ta' Dokumenti**

Mill-appellant :

1. Statement of case - Dok. KMB 1
2. Payslips - Dok. MS 1 - MS 16
3. Sottomissjonijiet Finali.
4. Sottomissjonijiet Ulterjuri.

Mill-kumpanija :

1. Statement of case datat 24 ta' Frar, 1997.
2. Certifikat ta' temm ta' l-impjieg - Dok. AJB 1.
3. Kopja ta' List of Duties u ta' l-ammont ta' hlas - Dok. AJB 2.
4. Sottomissjonijiet Finali.
5. Sottomissjonijiet Ulterjuri.

Mill-E.T.C.

1. Formola E.T.C. datata 3 ta' Frar, 1997 - Dok. EM 1

5. **Informazzjoni Generali**

L-appellant isostni li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet wahda mhux gustifikata.

Il-kumpanija minn naha taghha ssostni li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma kienetx tkeccija izda kaz ta' ftehim bonarju b'offerta negozjata.

L-appellant kien impjegat tal-kumpanija Delta Malta Ltd mit-22 ta' Jannar, 1979 sat-23 ta' Jannar, 1997. Meta spicca kien jokkupa l-kariga ta' Quality Manager skond il-job description - Dok AJB Nru. 2.

6. **Osservazzjonijiet**

Waqt is-sottomissjonijiet ta' dan il-kaz deher li r-relazzjoni ta' l-appellant u tal-kumpanija minn ftit xhur qabel it-tmiem ta' l-impjieg kienet qeghda tmur lura. L-appellant isostni li x-xoghol zdiedlu u ghaldaqstant ma setax ilahhaq max-xoghol. Minn naha tal-kumpanija il-kwalita' tax-xoghol kienet sejra lura u sitwazzjoni bhal din ma setghetx tkompli.

Ftit zmien qabel it-tmiem ta' l-impjieg, il-kumpanija qalet lill-appellant li qed isibha difficcli li jahdem mieghu wara li fl-istess gimgha l-appellant telaq mill-post tax-xoghol darbtejn.

7. **Sottomissjonijiet**

Ta' l-appellant :

Qed isostni li l-kumpanija tterminat l-impjieg u l-fatturi li

ser jissemmghu, iwasslu ghall-konkluzjoni li l-verzjoni ta' l-appellant hija aktar konvincenti minn dik tal-kumpanija.

1. B'ittra tat-28 ta' Jannar, 1997 lill-Ministru tas-Sigurta' Socjali, Mario Spagnol qal li fit-23 ta' Jannar, huwa kien tkecca mill-impjieg u kien ser jinghata tmien gimghat *notice money*.

2. Fic-Certifikat ta' l-Impjieg tal-31 ta' Jannar, 1997, is-Socjeta' ntimata kitbet li Mario Spagnol spicca mill-impjieg fil-31 ta' Jannar, 1997 ghaliex "he could no longer carry out all his duties".

3. L-Ufficjal ta' l-E.T.C., Shirley Abela, fit-3 ta' Frar, 1997, tkellmet bit-telefon mal-Managing Director tas-Socjeta' ntimata, u hija kkonkludiet li Mario Spagnol kien tkecca mill-impjieg ghax ma kienx qed ilahhaq ix-xoghol kollu tieghu.

4. Is-Socjeta' ntimata hallset tmien gimghat *notice money* lil Mario Spagnol meta l-Managing Director taghha ammetta li kien jaf li jekk impjegat ihalli l-impjieg, l-impjegat ghandu jaghti perjodu ta' *notice*, u mhux jinghata *notice* jew jithallas tieghu.

5. Il-Managing Director tas-Socjeta' ntimata ammetta wkoll li l-parir ta' l-Employers' Association kien fis-sens li huwa ghandu jara kif jasal f'arrangament bonarju ma' Mario Spagnol dwar il-hlas tan-*notice money*, avolja li, kieku veru li Mario Spagnol ried jitlaq huwa, la kien hemm ghalfejn jintalab il-parir ta' l-Association, u lanqas jithallas *notice money*.

6. Kien biss fil-21 ta' Frar, 1997 li s-Socjeta' ntimata ghall-ewwel darba f'li Statement of Case taghha

harget bl-iskuza li Mario Spagnol ma kienx ried jibqa' fl-impjieg, wara li hija saret taf li huwa kien qed jikkontesta t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.

L-appellant jenfasizza l-punt li l-kelma "due" - dovut - tfisser li l-kumpanija kecciet lill-appellant u halsitu 8 gimghat *notice money.*

Minn naha tal-kumpanija ssostni li f'ebda mument ma jirrizulta li l-Managing Director fid-diversi kollokwi li kellu ma' l-apppellant ippronunzja ruhu li qed ikecci lill-istess appellant.

Hawnhekk wiehed irid izomm f'mohhu li l-appellant bl-eghmil u d-dikjarazzjonijiet tieghu certament ikkontribwixxa biex johloq atmosfera ricettiva ghal biex, kif zvolgew l-affarijiet matul il-gimgha minn nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar, 1997, inghatat prezunzjoni qawwija favur it-tezi tal-kumpanija - rapprezentata mis-sur Joseph Attard - jigifieri li l-appellant kien qed jurih li xtaq kieku jitlaq, izda kien jippretendi xi kumpens (in-notice money). Wiehed ifakkar id-dikjarazzjoni ripetuta ta' l-appellant li kien xaba' jahdem mal-kumpanija, li kien wiret xi gid u ma kellux ghalfejn jibqa' jahdem, u li sahansitra kien jixtieq li jitkecca (xhieda ta' Anthony Galea - seduta ta' l-10 ta' Gunju, 1997 u Simon Grech - seduta tad-9 ta' Lulju, 1997).

L-appellant ipproduca mpjegata ta' l-E.T.C. - Shirley Abela - li xhedet illi r-raguni moghtija fuq il-formola tat-Tmiem ta' l-Impjieg ma kienetx cara bizzejjed u cemplet lis-sur Attard biex jiccaraha. Skond hi, s-sur Attard taha x'tifhem li fil-fatt l-applikant tkecca u hekk nizzlet fuq xi formola ohra. Minn naha tieghu s-sur Attard jichad li hu b'xi mod jew iehor seta' qalilha xi haga differenti minn dak li dejjem sostna, jigifieri li l-appellant ma baqax kapaci jaghmel ix-xoghol

kollu mistenni minnu. Jekk Ms Abela b'dan fehmet li tkecca, dik affari taghha, u m'ghandux ibati s-sur Attard. U jekk Ms Abela hasbet li bi "tkeccija" bhala raguni l-appellant kien ser jigi agevolat, dan l-iskop ma ntlahaqx peress li l-E.T.C. xorta wahda ma hallitux jirregistra ghax-xoghol taht l-Ewwel Parti tar-Registru.

Fil-kaz odjern hemm ukoll element qawwi ta' *malafede* mill-appellant li minkejja li kien ga kiteb lill-Ministru biex iressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal, ma ddejjaqx jasal fi ftehim mal-principal tieghu li bih akkwista mat-Lm800 (jekk mhux Lm1,200 jekk tghodd dak li suppost kellu jhallas hu) bhala *notice money* li l-kumpanija ma kellha ebda obbligu li thallas. U ffirma ricevuta li rcieva dawn il-flus u ohrajn maghhom "in full and final settlement", u sarraf ic-cekk minghajr ma esprima ebda riserva (hlief rimarka insolenti li jispera li jissarraf) u minghajr ma ta xi hjiel lill-kumpanija li kien ga ha l-passi mehtiega biex iressaq il-kaz quddiem dan it-Tribunal.

8. <u>**Osservazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**</u>

It-Tribunal Industrijali josserva li :

1. t-tezi ta' l-appellant li t-tkeccija hija ngusta ma kienetx konvincenti ghall-fatt li l-kliem li gie nterpretat li nghad miz-zewg nahat ma jsibx appogg.

2. L-appellant minn naha tieghu, meta s-sitwazzjoni bejnu u bejn il-kumpanija ma kienetx wahda felici, ffirma nota li rcieva flus u *notice money* dovut lilu mill-kumpanija "in full and final settlement".

9. **DECIZJONI**

Ghaldaqstant it-Tribunal jinnota li t-tmiem ta' l-impjieg u l-accettazzjoni ta' flus "in full and final settlement" saret b'mod accettabbli ghaz-zewg nahat.

Ghalhekk it-Tribunal iddecieda li ma kienx hemm kaz ta' tkeccija.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Erbghin Lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Emma Muscat**
**A/Segretarja**

mrg